MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 4/2011

**Decizjoni Numru: 496/10.**

**Nru: tal-File tal-Arbitru 1090/90**

**Nru: tal-File DSS: 988/10.**

**Sharon Spiteri**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Illi fil-15 ta’ Dicembru 2011 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

*“L-Arbitru: -*

*Deher l. Cilia ghad-Direttur,*

*Meta ssejjah l-appell, dehret l-appellanti assistita minn Paul Spiteri li jigi hu l-appellanti. Deher ukoll ir-rapprezentant tad-Dipartiment.*

*Deher J Balzan, Spettur tad-Dipartiment tal-Frodi ta' Beneficcji u Investigazzjoni li pprezenta r-rapport.*

*L-Arbitru wara li sema' l-ispettur u l-appellanti kif ukoll lil huha jifhem illi hija taqbel li fi zmien meta ittiehdet id-decizjoni hija kienet ilha xi zmien ma toqghodx fl-indirizz minnha indikat u b'dan ma infurmatx lid-Dipartiment. Id-dar taghha issa giet irrangata u qieghda terga' tabita regolarment fl-indirizz nsemmi; ghandha pendenti applikazzjoni ohra ghall-istess beneficcju.*

*Peress li minn dawn ic-cirkostanzi jidher li d-decizjoni tad-Dipartiment kienet gustifikata, dan l-appell ghandu jigi michud".*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Sharon Spiteri datat 4 ta' Marzu 2011 fejn talbet lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnha mressqa tilqa' l-appell taghha u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata.

Rat li dan l-appell gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tas-6 ta' Ottubru 2011.

Rat ir-risposta tad-Direttur Generali (Sigurta` Socjali) datata 29 ta' Settembru 2011 a fol 7 tal-process fejn sostna ghar-ragunjiet hemm indikati li d-decizjoni tal-Arbitru hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanta.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma fis-6 ta' Ottubru 2011 u tal-10 ta' Novembru 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Christian Grima ghall-appellanti prezenti u Dr. Nadya Fiott ghall-appellat. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghat-2 ta' Frar 2012; u tat-2 Frar

2012 fejn il-kawza giet differita ghall-istess skop tal-verbal precedenti ghas-7 ta’ Frar 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluza dik tal-Arbitru fl-ismijiet premessi datata 15 ta’ Dicembru 2010.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi jirrizulta li l-appellanti kienet tircievi beneficcji tal-Ghajnuna Socjali sas-26 ta’ Novembru 2010, izda b’decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta’ Socjali datata 11 ta’ Novembru 2010 giet informata li ma kienitx intitolata li tircievi izjed dan il-beneficcju ghaliex *“id-direttur mhux sodisfatt li qed tifforma familja ghal rasek fl-indirizz moghti minnek”* u wkoll talab li jigu rifuzi l-ammont ta’ 2,624.37 Euro li jkopru l-perjodu bejn is-26 ta’ Gunju 2010 u s-26 ta’ Novembru 2010 b’ittra ohra tal-istess data.

Illi sar appell minnha fis-16 ta’ Novembru 2010 quddiem l-Arbitru u dan ghaliex sostniet li kull ma ghamlet kien biss li marret xi zmien f’post tal-villeggatura l-Mellieha li gie mikri mill-genituri taghha, izda dejjem baqghet tghix fl-istess post. Jirrizulta li f’dan iz-zmien bdew isiru wkoll fi xogholijiet fil-post fejn kienet tabita u ghalhekk kellha torqod ghand il-genituri taghha l-Belt sakemm isiru l-istess xogholijiet.

Illi b’decizjoni tieghu datata 15 ta’ Dicembru 2010 l-Arbitru jghid li sema’ lill-J. Balzan, Spettur tad-Dipartiment tal-Frodi ta’ Beneficcji u Investigazzjoni li pprezenta rapport, lill-appellanti u lill huha u jinghad li l-appellanti ammettiet li kien ilha xi zmien ma toqghod fl-indirizz minnha ndikat u b’dan ma informatx lid-Dipartiment. Jinghad fid-decizjoni li *“id-dar taghha issa giet irrangata u qeda terrga tabita regolarment fl-indirizz imsemmi; ghandha applikazzjoni ohra ghall-istess beneficcju”.* F’dan il-kuntest l-appell gie michud.

Illi l-appell odjern huwa fis-sens li (a) li l-appellanti ma inghatatx opportunita' li tressaq lil ommha u lil missierha bhala xhieda u dan jikser id-dritt taghha ta' smigh xieraq – qed jinghad li l-Arbitru rrifjuta li jhalliha tressaq l-istess xhieda; (b) mhux minnu li l-appellanti bidlet l-indirizz taghha jew li hija ma kienitx tifforma familja ghal rasha fl-indirizz moghti.

Illi dwar l-ewwel punt inghad jidher li l-appellat qed isostni li l-Arbitru ghandu l-poter li jiddispensa mis-smigh ta' xhieda li huma skond huwa rrelevanti skond l-**artikolu 108 (9) tal-Kap** u f'dan ilkaz hekk kienu l-istess xhieda peress li skond l-appellat, l-appellanti kienet gja ammettiet li ma kienitx toqghod fiz-zmien relattiv fl-indirizz indikat minnha u dan inghad li jista' jsir ghaliex l-Arbitru mexa b'mod gust u ekwu f'dan il-kaz u allura la darba ddecieda li tali xhieda mhux relevanti, u lanqas utili anzi superfluwi, mela allura ghamel sew li ddispensa minnhom u giet citata d-decizjoni **"John F. Bernard nomine vs Monica Mizzi"** (A.C. – 28 ta' Ottubru 1994) f'dan ir-rigward.

Illi din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument u lanqas thoss li l-Arbitru kellu, jekk intalab, jiddispensa mill-istess xhieda, u dan kemm ghaliex il-htiega tax-xhieda taghhom kienet necessarja sabiex l-appellanti isostni u tikkorobora t-tezi taghha, li hija ghamlet xi zmien tghix il-Mellieha, minhabba li l-fond gie mikri mill-genituri taghha sabiex hija tkun tista' tistrieh ghall ftit jiem, u wkoll sabiex jilhaq issir ix-xoghol fir-residenza taghha u dan huwa iktar relevanti meta d-decizjoni tad-Direttur kienet ibbazata fuq l-konsiderazzjoni kontenuta fl-ittra tieghu tal-11 ta' Novembru 2011 li *"id-direttur mhux sodisfatt li qed tifforma familja ghal rasek fl-indirizz moghti minnek"* u ghalhekk mhux tant dwar il-bdil tal-indirizz fejn kienet toqghod; tant huwa minnu dan li l-istess Direttur fir-risposta tal-appell tieghu quddiem l-Arbitru talab li ssir korrezzjoni fl-istess ittra li minflok il-konsiderazzjoni tigi taqra li *"id-Direttur mhux sodisfatt li qed tifforma familja ghal rasek, u/jew tabita, fl-indirizz moghti minnhek"* (ara risposta fil-file allegat datata 2 ta' Dicembru 2010). L-Arbitru lanqas biss ta kaz din it-talba u dan fih innifsu huwa gravi u jimmina serjament il-legalita' u validita' tal-istess decizjoni, u d-

dispensa tas-smigh ta' xhieda proposti mill-appellanti jekk titiehed il-versjoni taghha. Fuq kollox din il-Qorti ma tarax li f'dan il-kaz l-istess Arbitru mexa b'mod ekwu u gust, u dan ghaliex il-principju ta' smigh xieraq jimporta li parti tinghata l-opportunita' li tressaq is-sottomissjonijiet taghha u li tressaq ix-xhieda sabiex isostnu t-tezi taghhom.

Illi inghad ukoll li mill-verbal tas-seduta ma jirrizultax jew per lo meno ma giex verbalizzat li l-appellanti riedet tressaq tali xhieda u ghalhekk *"quod est in actis non est in mundo"* u skond l-appellat dan huwa principju kwazi assolut anke fuq l-iskorta ta' dak li gie deciz fis-sentenza **"Anthony Mintoff vs Avukat Generali et"** (A.C. – 7 ta' Lulju 2004), izda anke hawn il-Qorti thoss li dan ma huwiex ghal kollox korrett ghaliex dan jiddependi hafna mill-fattispecie tal-kaz, u kien hemm kazijiet eccezzjonjali fejn dak li gara gie ppruvat minkejja li ma giex verbalizzat u f'dan is-sens issir riferenza ghad-decizjoni **"Joseph Farrugia et vs L-Avukat Generali"** (P.A. (SK) (RCP) – 27 ta' Novembru 2011) u fejn hemm saret riferenza ghal **"Case of Aquilina and Others vs Malta"** moghtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem (Ecthr) fl-14 ta' Gunju 2011 komposta anke mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna, fejn inghad li *"Records of the proceedings are usually brief minutes of the res gestae, acknowledged by the domestic courts (see paragraph 12 above) they do not contain a detailed record of that takes place during proceedings. Thus, while such record is certainly important for the purposes of a court case, it cannot be considered the sole source of truth for other purposes, including court reporting. To limit court reporting to facts reproduced in the records of the proceedings, and to bar reports based on what a journalist has heard and seen with his or her own eyes and ears, as corroborated by others, would be an unacceptable restriction of freedom of espression and free flow of information. While there may be a presumption that the official record of court proceedings is complete and accurate, such a presumption may be rebutted by other evidence of what occured during the course of the proceedings. It follows that in a conflict between the records of the case and the sworn evidence of witnesses*

*who have no personal interest in the case, a court should not discard the sworn evidence a priori. This is even more true where, as here, there is no apparent conflict since the record of the proceedings is silent on the matter in issue".*

Illi issa f'dan il-kaz jirrizulta li l-Arbitru nizzel biss lil min sema' u ma hemm xejn iktar minn hekk u jidher car li l-verbali tal-istess seduti huma skarni mhux hazin; dan apparti l-fatt li l-appellat jidher li fl-ewwel ipotesi sostna li l-Arbitru kellu ragun li ma halliex l-istess xhieda ghaliex dawn kienu superfluwi skond huwa. Certament li dan l-argument fih innifsu jipprova dak allegat mill-appellanti u certament jimmina t-tieni argument tal-appellant. Ghalhekk kemm il-darba l-Arbitru ma halliex jew tax l-opportnita' lill-appellanti tressaq lill-genituri taghha bhala xhieda dan kien jammonta ghall-ksur tal-principju ta' smigh xieraq, u hawn il-Qorti tenfasizza ghal darba ohra il-htiega li l-verbali tas-seduti quddiem l-Arbitru jirriflettu, anke jekk fil-qasir, dak li attwalment ikun sar.

Illi dwar il-mertu din il-Qorti thoss li fil-fatt gie ppruvat li l-appellanti kienet qed taghmel familja ghal rasha fir-residenza indikata, u marret toqghod ghal xi zmien f'fond iehor sakemm jigi rrangat tali post taghha, u anke minhabba problemi li jidher li nqalghu mal-ex konjugi taghha, b'dan li l-genituri taghha, temporjament offrewlha rifugju, lilha u lil uliedha sakemm il-post u r-residenza tkun lesta mix-xoghol li kien qed isir fiha, u ma jirrizultax li b'daqshekk kien hemm bdil ta' residenza dikjarata mill-appellanti. Fil-fatt illum la darba x-xogholijiet huma lesti, l-appellanti ma uliedha rritornat tghix fir-residenza taghha.

Illi din il-Qorti thoss li l-Arbitru kellu bl-applikazzjoni tal-principji ta' gustizzja u ekwita', li bihom huwa marbut li jimxi skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 108 (9) tal-Kap. 318,** jiddeciedi li l-appellanti ma tkomplix tigi penalizzata bit-telf ta' dik l-ghajnuna u/jew bir-refuzjoni tal-beneficcji li hija kienet irceviet, u dan peress li huwa kellu l-kwadru komplet quddiemu. Ghandu jkun hemm bilanc bejn il-kolloborazzjoni rikjesta mill-ligi li tista' twassal lil min ma josservahiex ghal dannu u bejn il-fatt li min jiggudika ghandu jaghmel dan b'ekwita' u gustizzja, u

*“m’*ghandu*x jadotta r-rigur tas-summum jus u l-inflessibilita’ ta’ disposizzjoni partikolari tal-ligi fejn ic-cirkostanzi prezenti lilu jkunu, entro l-ligi, jissugerixxi l-adozzjoni ta’ soluzzjoni diversa u anqas rigida”* **(“Julie Vassallo vs Direttur tas-Sigurta’ Socjali”** – A.I.C. (PS) – 5 ta’ Marzu 2010). F’dan il-kuntest jinghad li ghalkemm in linea generali id-diskrezzjoni tal-Arbitru fl-apprezzament ta’ provi ma tigix mittiefsa, din il-Qorti thoss li din ir-regola ghandha bhala eccezzjoni proprju meta l-istess Arbitru jkun jidher u fil-fatt jirrizulta li ma mexxiex b’mod ragonevoli u ekwu. (**“Anthony Vella vs Direttur tas-Sigurta’ Socjali”** – A.I.C. (RCP) – 28 ta’ Gunju 2011); **“Kimberly Joy Agius vs Direttur tas-Sigurta’ Socjali”** – A.I.C. (PS) – 6 ta’ Ottubru 2010); u **Charles Bonaci vs Direttur tas-Sigurta’ Socjali”** (A.I.C. – 9 ta’ April 2001). F’dan il-kaz ma hemmx dubju li l-Arbitru ma mexiex b’dan il-mod u ghalhekk l-aggravju fil-mertu qed jigi milqugh.

Illi ghalhekk in vista ta’ dan, din il-Qorti qed tirrevoka d-decizjoni tal-Arbitru datata 15 ta’ Dicembru 2010, u konsegwentement id-decizjonijiet tad-Direttur tas-Sigurta’ Socjali datati 11 ta’ Novembru 2010 fis-sens ghalhekk li l-appellant ghandha tibqa’ tircievi l-Ghajnuna Socjali (SA) li hija kienet qed tircievi u ma ghandha tirrifondi lura l-ebda ammont li hija ircievet bhala beneficcju nkluz dak relattiv ghall-perjodu bejn is-26 ta’ Gunju 2010 u s-26 ta’ Novembru 2010.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-appell tal-appellat id-Direttur Generali (Sigurta’ Socjali) datata 29 ta’ Settembru 2011 biss in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ l-appell interpost mill-appellanti Sharon Spiteri fir-rikors tal-appell taghha datat 4 ta’ Marzu 2011 b’dan li qed tirrevoka u thassar id-decizjoni tal-Arbitru fl-ismijiet “Sharon Spiteri vs Direttur tas-Sigurta’ Socjali” datata 15 ta’ Dicembru 2010 (Nru. Tal-File tal-Arbitru 1090/10 – Nru. Tal-File DSS 989/10) ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi b’dan li**

**konsegwentement din il-Qorti qed tirrevoka** d-decizjonijiet tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali datati 11 ta' Novembru 2010 b'dan ghalhekk li l-appellanti ghandha tircievi l-Ghajnuna Socjali (SA) li hija kienet qed tircievi u ma ghandha tirrifondi lura l-ebda ammont li hija irceviet bhala beneficcju nkluz dak relattiv ghall-perjodu bejn is-26 ta' Gunju 2010 u s-26 ta' Novembru 2010.

Bl-ispejjez stante n-natura tal-kaz ta' dan l-appell jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------